MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2005

Avviz Numru. 156/2005

**Calbian Co. Ltd. (C 16211)**

**Vs**

**B'Kara FC plc**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, mija u hames liri Maltin (Lm4,105) jew somma ohra verjuri rapprezentanti d-danni sofferti mis-socjeta' attrici b'konsegwenza ta' non-adempjenza da parti tas-socjeta konvenuta mal-obbligi kuntrattwali mill-konvenut assunti bil-ftehim datat 5 ta' Gunju, 1998, ghall-hlas ta' liema danni il-konvenut diga gie dikjarat responsabbli b'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "Calbian Co. Ltd vs B'Kara FC plc" (Citaz Nru 486/99 GV) (deciza 29 t'Ottubru 2003), bl-ispejjez kollha u

bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fit-30 ta' Mejju 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm4105.00,0 bl-imghax legali mid-29 ta' Ottubru 2003, id-data tas-sentenza msemmija fl-istess avviz sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes kollha ta' dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------